DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 130/2012

tat-13 ta' Lulju 2012

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 113/2012 tal-15 ta' Ġunju 2012 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/274/UE tas-26 ta' April 2011 dwar speċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità relatata mas-subsistema tal-"enerġija" tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jkun inserit wara l-punt 37dg (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/275/UE) tal-Anness XIII mal-Ftehim:

"37dh. **32011 D 0274**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/274/UE tas-26 ta' April 2011 dwar speċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità relatata mas-subsistema tal-'enerġija' tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea (ĠU L 126, 14.5.2011, p. 1)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2011/274/UE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-14 ta' Lulju 2012, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

([1]) ĠU L 270, 4.10.2012, p. 37.

([2]) ĠU L 126, 14.5.2011, p. 1.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.